MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 513/2004

**Tabria Company Limited**

**Vs**

**Edgar Brincat**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm675.00c (sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti kera dovuta fuq fond, sitwat Ta' Xbiex, Ta' Xbiex Wharf, bin-numru erbgha (4) ghall-iskadenzi 1 Marzu 2003, 1 Gunju 2003, 1 Settembru 2003, 1 Dicembru 2003 u 1 Marzu 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata seduta stante.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm675.00c (sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------